# M'hemmx festa bla nar

## ... għax hu parti mill-kultura Maltija

minn **Hermann MICALLEF**

"M'hemmx festa bla nar ghax hu parti intrinsiku mit-tradizzjoni taghna l-Maltin".

Dan hareġ minn analiżi antropoloġika li saret minn Christine Cassar, studenta tal-antropoloġija fl-Università ta' Cambridge, u Mark Anthony Falzon, id-Direttur tad-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Malta waqt seminar nazzjonali bit-tema "Il-Festi: Kultura u Identità" fil-*Montekristo Wine Vaults*, Ħal Farruġ.

Is-seminar sar bhala parti mill-attivitajiet li s-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju mit-twaqqif taghha fl-1911. Id-diskussjoni kienet preseduta minn Charles Farrugia, Arkivista Nazzjonali u gradwat fl-Istorja bi speċjalizzazzjoni fuq is-suġġett.

L-iskop wara dan is-seminar kien li jitwassal il-messaġġ li l-festi Maltin fihom element qawwi ta' kultura u identità tal-hajja Maltija li kull wieħed u wahda minna ghandu obbligu li jhares.

Franco Debono, l-Assistent Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ghamel diskors ta' introduzzjoni. Hu qal li hi fil-festa tradizzjonali Maltija li johroġ fil-berah il-karattru Malti – is-sens ta' fidi, is-sens ta' ghaqda, il-mod kif nifirhu bhala komunità, il-mod kif niċċelebraw, kif nieklu, kif nuru l-ferħ taghna. Iżda anki l-mod kif inhobbu nimpikaw mal-ġirien, il-mod kif festa tkun trid tispikka minn dawk ta'madwarha u allura johroġ il-karattru Malti li ma jaqtax qalbu u jpoġġi quddiemu sfidi akbar minn tas-sena ta' qabel.

Franco Debono stqarr li meta xi hadd ikun irid jiskopri l-identità partikulari ta' lokalità, ghandu jżurha fil-festa, meta r-rahal jew belt tinbidel fi kważi teatru haj b'kulhadd iwettaq – bl-aqwa mod – ir-rwol tieghu taht id-direzzjoni ta' numru żghir ta' nies li jmexxu diversi aspetti tal-festa – mill-armar, il-briju, in-nar, il-banda sal-attivitajiet kollha tal-knisja.

Hu żied li jekk inqabblu l-festi tal-lum ma' dawk ta' 50 sena ilu naraw differenzi kbar. Mhux biss qed jintefqu iżjed flus, iżda kollox qed jinhadem b'mod differenti: *billboards* jirreklamaw il-festi l-kbar, żghażagh jaraw li l-festa tiġi *streamed* fuq l-internet ghall-emigranti u l-holqien ta' hafna radjijiet tal-komunità li qed iservu biex hafna żghażagh isibu pjattaforma halli juru t-talenti taghhom.

Franco Debono saħaq biex dak li jaghmel il-festa tradizzjonali Maltija speċjali jinżamm u jiġi mghoddi, kemm jista' jkun intatt, lill-ġenerazzjonijiet futuri.



L-Assistent Parlamentari fl-uffiċċju tal-Prim Ministru, Franco Debono, jindirizza seminar ilbieraħ li ddiskuta l-kultura u l-identità tal-festi Maltin bis-sehem ukoll ta' esperti u studjużi

## Ħames raġunijiet

Studju ta' Mark Anthony Falzon u Christine Cassar li kien ippreżentat fis-seminar elenka hames raġunijiet ghaliex m'hemm l-ebda dubju li diffiċli timmaġina festa bla nar.

L-ewwel: in-nar hu ingredjent intrinsiku mill-element kumplessiv ta' hoss tal-festa. In-nar fil-festa hu esperjenza, fost ohrajn, ta' hoss, ta' xamm u ta' kulur. Flimkien man-nar, fil-festa wieħed jisma' l-hoss tal-qniepen, il-briju u hsejjes ohrajn li jaghmluhom tipiċi Maltin.

It-tieni: hemm xi haġa speċjali dwar il-hoss tan-nar, fis-sens li hu element li kapaċi jheżżeż il-bini u jinhass mill-ġisem fiżiku. Fil-produzzjoni tan-nar hemm l-involviment tal-bniedem kollu kemm hu; fl-ghamla u l-hruq tan-nar il-bniedem jiġġestikola b'idejh u l-espressjonijiet fuq l-uċuh ta' min jahdmu huma fenomenali.

It-tielet aspett: in-nar jistruttura l-element ta' hinijiet differenti tal-festa; isir hruq ta' nar fil-hruġ tal-istatwa min-niċċa, hruq matul il-jiem tat-tridu kif ukoll hruq differenti mal-hruġ tal-vara mill-knisja u mad-dhul tal-vara fil-knisja.

Ir-raba' aspett: il-pika li hemm assoċjata man-nar, u li ghalkemm hafna drabi kritikat, jaghti tant vitalità lill-festa Maltija. Illum il-pika qed tibbrilla iżjed fil-kwantità u l-kwalità tan-nar filwaqt li qed tkun anki manifestata fuq l-internet.

Il-hames aspett: hu li n-nar jifrex il-festa fuq spazji b'mod affaxxinanti. In-nar iwassal l-ispazju tal-festa, miz-zuntier sarrotta li fiha tghaddi l-vara.

Inghatat ukoll harsa lejn ir-rabta li hemm bejn in-nar u l-politika permezz ta' diskussjoni dwar id-dinamika taghhom fil-kuntest ta' ġeneru, modernità u moderazzjoni.

Fl-istudju taghhom, Christine Cassar u Mark Anthony Falzon isostnu li ghad-dilettanti, in-nar hu hoss filwaqt li ghal min igerger kontrih hu kunsidrat bhala storbju.

Statistika interessanti hi li f'Malta hawn 1,500 dilettant tan-nar li minnhom 15 biss huma nisa, u allura n-nar hu dominju purament tal-irġiel. Min-naħa l-ohra n-nisa huma involuti, fost ohrajn, fil-ġbir tal-fondi u bhala persuni li simbolikament isofru minhabba l-periklu li jkunu fih żwieġhom li jahdmu n-nar.

## L-aspett teatrali fil-festa Maltija

Vicki-Anne Cremona, Ambaxxatriċi ta' Malta ghat-Tuneżija u esperta dwar l-Istudji Teatrali, tkellmet dwar l-aspett teatrali fil-festa Maltija. Hi argumentat li żmien il-festa hu wieħed importanti u hu ċ-ċentru li fuqu ddur il-hajja parrokkjali. Ghalkemm il-festa tkun ċelebrata f'unur il-patrun jew patruna tal-parroċċa, matulha l-komunità tiċċelebra lilha nnifisha filwaqt li tkabbar il-prestiġju taghha.

Vicki-Anne Cremona analizzat il-festa bhala avveniment teatrali, b'mod partikulari l-aspetti ta' esibizzjoni u ċelebrazzjoni. Fissret kif fis-snin li ghaddew, in-nies ta' ċertu livell fil-hajja kienu jiddandnu billi jsebbhu d-djar taghhom.

Fl-istudju taghha, Cremona wriet kif l-ispazji ta' kuljum jinbidlu u jsiru spazji barra mill-ordinarju u jelenka sinjali esterni ta' festa.

Permezz tal-festa, ir-residenti tal-lokalità jirriaffermaw l-identità komuni taghhom u jsahhu r-rabtiet tal-komunità. Nies li nqatghu minn rahal twelidhom jaghmlu appuntament u jattendu l-festa ta' fejn qattghu tfulithom.

Vicki-Anne Cremona tkellmet ukoll dwar il-marċijiet ta' filghodu, li m'humiex strutturati u li ghandhom karattru. Dan ghax maghhom hemm assoċjati x-xorb u xi kultant il-ġlied.

## L-aktar element li kiber hu dak tal-pika

Jeremy Boissevain, Professur Emeritu fl-Antropoloġija Soċjali mill-Università ta' Amsterdam u li ilu jghix hawn Malta sa mill-1956, ghamel sommarju tal-ktieb tieghu bl-isem *Festa, Saints and Fireworks in Perspective* (1960-2010).

Matul dawn l-ahhar 15-il sena, il-festi esterni kibru bil-kbir. In-numru ta' każini tal-banda, il-mohħ wara l-festi, kważi rdoppja. Fl-1960 kien hawn 50 każin u sas-sena li ghaddiet in-numru kiber ghal 83. Kienet rappurtata wkoll żieda ta' rhula b'aktar minn każin wieħed. Fl-1960 kien hemm 16-il rahal b'żewġ każini filwaqt li fl-2010 kien hemm 27 rahal b'aktar minn każin wieħed tal-banda.

L-aktar element li kiber matul is-snin hu dak tal-pika filwaqt li l-festi twalu, l-armar hu aktar elaborat, il-marċi saru aktar storbjużi u n-nar sar aktar kulurit u qawwi. Dawn iż-żidiet huma frott il-pika endemika fi ħdan il-baned fil-parroċċi. Iż-żieda fil-ġid nazzjonali kompliet ghamlet dan kollu possibbli, sostna Boissevain.

Jeremy Boissevain tenna li l-festi ta' barra qed ikomplu jurtaw lill-awtoritajiet ekklesjastiċi filwaqt li n-nar aktar qawwi jurta bil-kbir lill-klassi medja urbanizzata, speċjalment dawk fiċ-ċentru u fit-tramuntana ta' Malta.

L-antropoligu jghid li l-festi l-aktar storbjużi u kuluriti mhumiex biss ċelebrazzjonijiet; huma espressjoni ta' identità soċjali u ġeografika profonda kif ukoll espressjoni ta' rivalità u messaġġ li 'Aħna qegħdin hawn'.

Min-naħa l-ohra, dawk in-nies li jsejhu lilhom infushom 'elitisti' u jitkellmu bl-Ingliż, iqisu l-loghob tan-nar bhala xi haġa 'barbarika' u min jipproduċi jew jahraq in-nar bhala nies mill-klassi tal-haddiema.